# MISTOQSIJIET FREKWENTI DWAR IS-SISTEMA TA' DĦUL/ĦRUĠ TAL-UNJONI EWROPEA

## *Fejn nista' nsib aktar informazzjoni dwar is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ?*

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fuq is-sit web uffiċjali https://travel-europe.europa.eu/en/ees/faq.

## *Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE kif tapplika għall-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u għall-membri tal-familja li jingħaqdu magħhom?*

Iċ-ċittadini tar-Renju Unit u l-membri tal-familja tagħhom li huma benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ **se jkunu eżentati mir-reġistrazzjoni fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ** (EES, Entry/Exit System) biss jekk ikollhom dokument ta' residenza speċifiku:

a) **dokument ta' residenza validu skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ** maħruġ mill-Istat Membru li huwa l-Istat ospitanti tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ;
b) **dokument validu ta' ħaddiem fruntalier skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ** maħruġ mill-Istat Membru li huwa l-Istat tax-xogħol tiegħu skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ;
c) **dokument ta' residenza temporanja speċjali validu skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ** maħruġ mill-Istat Membru li huwa l-Istat ospitanti tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ; jew
d) **permess ta' residenza** validu partikolari.

Ta' min wieħed jinnota li d-dokumenti ta' residenza speċifiċi li jaqgħu taħt c) u d) jistgħu jinbidlu maż-żmien u għalhekk il-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jingħataw il-parir li jagħmlu l-verifiki tagħhom qabel ma jivvjaġġaw.

L-eżenzjonijiet taħt is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ma japplikawx għall-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u għall-membri tal-familja tagħhom li l-Istat ospitanti tagħhom huwa l-**Irlanda jew Ċipru**, minħabba li dawn iż-żewġ Stati Membri ma jipparteċipawx fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.

**Il-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li ma jkollhom l-ebda wieħed mid-dokumenti ta' hawn fuq se jiġu rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.** Dan ifisser li d-dħul u l-ħruġ tagħhom lejn u mit-territorju tal-pajjiżi Ewropej li jużaw is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ se jiġu rreġistrati b'mod elettroniku fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. Il-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ irreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jistgħu aktar tard jitolbu li d-data tagħhom titħassar jew tiġi emendata fis-sistema jekk juru li huma benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ dokumentati fl-Istat Membru tal-UE ospitanti tagħhom.

**Il-benefiċjarji kollha tal-Ftehim dwar il-Ħruġ huma intitolati li japplikaw għal dokument tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u li jinħarġilhom tali dokument li se jeżentahom mir-reġistrazzjoni fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u jiffaċilita l-esperjenza tagħhom fil-fruntiera tal-UE.**

**Għal aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni, ikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru tal-UE tiegħek.**

Id-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tar-Renju Unit u lill-membri tal-familja tagħhom skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Moviment Liberu (*2004/38/KE*) qabel il-31 ta' Diċembru 2020 mhux se jeżentaw mir-reġistrazzjoni fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, irrispettivament minn jekk dawn id-dokumenti jistgħux jintużaw b'mod eċċezzjonali fl-Istat ospitanti biex jiġi stabbilit l-istatus ta' benefiċjarju tal-Ftehim dwar il-Ħruġ hemmhekk.

Hemm **regoli speċjali għad-detenturi ta' ċertifikat ta' applikazzjoni** maħruġ skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ u għall-membri tal-familja tal-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li jingħaqdu ma' dawn tal-aħħar fl-Istat ospitanti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Dawn **se jiġu rreġistrati fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ**, iżda **s-sistema mhux se żżomm rendikont ta' jekk dawn telqux mill-UE fil-ħin**, minħabba li għandhom dritt ta' residenza skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali qabel ma tivvjaġġa.**

## *Liema dokumenti ta' residenza se jiġu eżentati mir-reġistrazzjoni fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ?*

*Dokument ta' residenza tal-Ftehim dwar il-Ħruġ*

Id-dokumenti ta' residenza tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jinħarġu fil-format uniformi tal-kard tal-UE.

Dawn fihom kemm referenza għall-**Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)** kif ukoll **għall-Artikolu 18 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ** stampati fuqhom bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru emittenti.

Għal skopijiet ta' referenza, dan huwa mudell ta' dokument ta' residenza tal-Ftehim dwar il-Ħruġ *(ġew miżjuda linji bl-aħmar biex jimmarkaw id-dokument bħala d-dokument ta' residenza t-tajjeb tal-Ftehim dwar il-Ħruġ):*


AUFENTHALTSTITEL
Y70101V12
MUSTERMANN
Erika
F
GBR
12 08 1983
ARTIKEL 50 EUV
03 01 2031
ARTIKEL 18(4) AUSTRITTSABKOMMEN
PASS(ERSATZ) 874593074
295732
RESIDENCE PERMIT
MUSTER


1. ANMERKUNGEN/REMARKS
ERWERBSTÄTIGKEIT ERLAUBT
3. GEBURTSORT/PLACE OF BIRTH
EXETER
BUNDESDRUCKEREI
AUGENFARBE/EYE COLOUR
GRÜN
GRÖßE/HEIGHT
160 cm
2. AUSSTELLUNGSDATUM-BEHÖRDE/
DATE OF ISSUE - AUTHORITY
04 01 2021
AUSLÄNDERBEHÖRDE MUSTERSTADT
4. ANSCHRIFT/ADDRESS
12345 MUSTERSTADT
BEISPIELWEG 3
MUSTER
ARD<<Y70101V129<<<<<<<<<<<<<<<
8308126F3101034GBR<<<<<<<<<<<0
MUSTERMANN<<ERIKA<<<<<<<<<<<<<<

*Dokument ta' ħaddiem fruntalier tal-Ftehim dwar il-Ħruġ*

Id-dokumenti ta' ħaddiem fruntalier tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jinħarġu wkoll fil-format uniformi tal-kard tal-UE. Bl-istess mod, dawn fihom ir-referenza **"Artikolu 50 tat-TUE - Ħaddiem fruntalier"** stampata fuqhom bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru emittenti.

Għal skopijiet ta' referenza, dan huwa mudell ta' dokument ta' ħaddiem fruntalier tal-Ftehim dwar il-Ħruġ *(ġew miżjuda linji bl-aħmar biex jimmarkaw id-dokument bħala d-dokument it-tajjeb tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tal-ħaddiem fruntalier):*







*Dokument Temporanju tal-Ftehim dwar il-Ħruġ*

Minbarra d-dokumenti ta' residenza skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ maħruġa f'format uniformi, il-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ se jkunu eżentati wkoll mir-reġistrazzjoni fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jekk ikollhom wieħed mid-**dokumenti temporanji** li ġejjin:

**Il-Greċja**

Ċertifikat speċjali ta' residenza legali li jiddikjara li d-detentur għandu d-dritt tat-Tieni Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ *(Ειδική Βεβαίωση Νόμιμης Διαμονής της υπ'αριθ. 4000/1/113-α' K.Y.A.*

*(ΥΠΟΔΕΙΓΜΑ ΚΑ-158))*, fuq ix-xellug, jew Ċertifikat tas-sottomissjoni tad-dokumenti ta' sostenn *(Βεβαίωση κατάθεσης δικαιολογητικών)*, fuq il-lemin:



| | | |
|---|---|---|
| Χορηγείται από Δ.Τ.Ε./ Τμήμα Τυπογραφείου | Συντάσσεται από την αρμόδια Υπηρεσία. | ΥΠΟΔΕΙΓΜΑ ΚΑ-158 |
| Υπόδειγμα: «Ειδική Βεβαίωση Νόμιμης Διαμονής της υπ' αριθ. 4000/1/113-α' Κ.Υ.Α.» | | |

ΕΛΛΗΝΙΚΗ ΔΗΜΟΚΡΑΤΙΑ
ΥΠΟΥΡΓΕΙΟ ΠΡΟΣΤΑΣΙΑΣ ΤΟΥ ΠΟΛΙΤΗ
ΕΛΛΗΝΙΚΗ ΑΣΤΥΝΟΜΙΑ
.......................................
.......................................
(Τίτλος Υπηρεσίας)
ΑΡΙΘ. ΠΡΩΤ: .......................

ΕΠΙΚΟΛΛΑΤΑΙ ΦΩΤΟΓΡΑΦΙΑ

Νº

**ΒΕΒΑΙΩΣΗ**

ΕΠΩΝΥΜΟ: ..........................................................................................

ΟΝΟΜΑ: ..........................................................................................

ΟΝΟΜΑ ΠΑΤΕΡΑ: ..........................................................................................

ΟΝΟΜΑ ΜΗΤΕΡΑΣ: ..........................................................................................

ΧΡΟΝΟΛΟΓΙΑ ΓΕΝΝΗΣΗΣ (ΗΜ-ΜΗΝ-ΕΤ): ..................................................

ΤΟΠΟΣ ΓΕΝΝΗΣΗΣ: ..........................................................................................

ΙΘΑΓΕΝΕΙΑ: ..........................................................................................

ΑΡΙΘΜΟΣ ΔΙΑΒΑΤΗΡΙΟΥ: ..........................................................................

-Βεβαιώνεται ότι ο κάτοχος της παρούσας απολαμβάνει όλα τα δικαιώματα που ορίζονται στο δεύτερο μέρος της Συμφωνίας Αποχώρησης για όσο χρόνο ισχύει.

- Η παρούσα βεβαίωση χορηγείται βάσει των διατάξεων του άρθρου 8 της υπ' αριθ. 4000/1/113-α' Κ.Υ.Α. και ισχύει μέχρι την.......................................................

.......................................
(Τόπος, ημερομηνία)
Ο/Η ΔΙΟΙΚΗΤΗΣ



ΕΛΛΗΝΙΚΗ ΔΗΜΟΚΡΑΤΙΑ
ΥΠΟΥΡΓΕΙΟ ΠΡΟΣΤΑΣΙΑΣ ΤΟΥ ΠΟΛΙΤΗ
ΕΛΛΗΝΙΚΗ ΑΣΤΥΝΟΜΙΑ
...............................................................
...............................................................
(Τίτλος Υπηρεσίας)
ΑΡΙΘ. ΠΡΩΤ: ...........................................

**ΒΕΒΑΙΩΣΗ**

ΕΠΩΝΥΜΟ:______________________________

ΟΝΟΜΑ:______________________________

ΟΝΟΜΑ ΠΑΤΕΡΑ:______________________________

ΟΝΟΜΑ ΜΗΤΕΡΑΣ:______________________________

ΧΡΟΝΟΛΟΓΙΑ ΓΕΝΝΗΣΗΣ (ΗΜ-ΜΗΝ- ΕΤ):______________________

ΤΟΠΟΣ ΓΕΝΝΗΣΗΣ:______________________________

ΙΘΑΓΕΝΕΙΑ:______________________________

ΑΡΙΘΜΟΣ ΔΙΑΒΑΤΗΡΙΟΥ:______________________________

-Η παρούσα βεβαίωση χορηγείται βάσει των διατάξεων του άρθρου 4 της υπ' αριθ. 4000/1/113-α' Κ.Υ.Α .

-Ο/Η ανωτέρω κατέθεσε τα δικαιολογητικά για τη χορήγηση της άδειας διαμονής της παραγράφου 4 του άρθρου 18 της Συμφωνίας Αποχώρησης του Ηνωμένου Βασιλείου από την Ευρωπαϊκή Ένωση, ως δικαιούχος αυτής.

(Τόπος, ημερομηνία)
.......................................
Ο/Η ΔΙΟΙΚΗΤΗΣ

## L-Italja

Ċertifikat speċjali ta' applikazzjoni *(Modulo di richiesta della CARTA DI SOGGIORNO (ex art.18.4 dell'Accordo di recess UK-UE))*:



*Questura di* ____________________

**Modulo di richiesta della CARTA DI SOGGIORNO (ex art.18.4 dell'Accordo di recesso UK-UE)**

COGNOME ____________________ NOME ____________________

LUOGO DI NASCITA ____________________ SESSO ______

CITTADINANZA ____________________ STATO CIVILE ____________________

RESIDENZA/DOMICILIO IN ITALIA - COMUNE ____________________ PROV. ______

INDIRIZZO ____________________

TIPO DI DOCUMENTO ____________________ N° ______________ SCADENZA ______

RILASCIATO DA ____________________ DATA DI RILASCIO ______________

INGRESSO IN ITALIA – DATA ______________ FRONTIERA ____________________

CONIUGE ____________________

PERSONE A CARICO CONVIVENTI ____________________

☐ CARTA DI SOGGIORNO PER CITTADINO UK
☐ CARTA DI SOGGIORNO PER FAMILIARI DI CITTADINO UK
☐ CARTA DI SOGGIORNO PER CITTADINO UK – LAVORATORE FRONTALIERO
☐ CARTA DI SOGGIORNO PER FAMILIARI DI CITTADINO UK – LAVORATORE FRONTALIERO

☐ PRIMO RILASCIO ☐ RINNOVO ☐ AGGIORNAMENTO ☐ DUPLICATO

DATA __________ FIRMA DEL RICHIEDENTE

PARTE RISERVATA ALL'UFFICIO

N. PRATICA (STRANIERIWEB) Timbro Ufficio FIRMA DELL'OPERATORE

*Permessi ta' residenza nazzjonali*

Minbarra d-dokumenti ta' residenza tal-Ftehim dwar il-Ħruġ maħruġa f'format uniformi u dokumenti ta' residenza temporanja, il-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ se jkunu eżentati mir-reġistrazzjoni fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jekk ikollhom permess ta' residenza li jkun ġie nnotifikat mill-Istat Membru emittenti f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u jkun ukoll elenkat kif xieraq fl-Anness 22 tal-Manwal Prattiku għall-Gwardjani tal-Fruntieri.

Eżempji ta' dawn id-dokumenti huma l-*"Fiktionsbescheinigung"* tal-Ġermanja jew id-*"Document de circulation pour étranger mineur"* (DCEM) ta' Franza.

L-Anness 22 tal-Manwal Prattiku għall-Gwardjani tal-Fruntieri jista' jiġi kkonsultat hawnhekk.Innota li l-Anness 22 jiġi aġġornat regolarment u għalhekk il-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għandhom jiċċekkjaw regolarment jekk il-permess ta' residenza nazzjonali tagħhom ikunx inkluż fl-Anness 22.